**KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA**

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**L-Imqabba Local Council**

**Minuti tas-66 laqgħa tat-8 leġislatura tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba li nżammet it-Tnejn 11 ta' Diċembru 2023 fil-6:30 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, 29, Triq il-Parroċċa, l-Imqabba.**

**Preżenti** :

| | |
|---|---|
| Grace Marie Zerafa | Sindku |
| Henry Zaffarese | Viċi Sindku |
| Jonathan Dingli | Kunsillier |
| Owen Sciberras | Kunsillier |
| Raymond Decelis | Kunsillier |

**Uffiċċjal** :

| | |
|---|---|
| Valerie Galea | Segretarju Eżekuttiv |

Is-Sindku ippresjediet il-laqgħa.

**66.01 Talba**

66.01.01 Il-laqgħa bdiet eżattament wara l-laqgħa tal-lokalità b'rabta mal-Estimi Finanzjarji għas-Sena 2024 u għaldaqstant ma kienx hemm għalfejn terġa' tingħad it-talba.

**66.02 Qari tal-ittri ta'apoloġiji**

66.02.01 Is-S.E. infurmat li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

**66.03 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħat numri 63 u 64.**

66.03.01 Il-Minuti tal-laqgħat numri 63 u 64 ġew approvati unanimament. Il-Kunsillier Dingli ippropona u l-Kunsillier Decelis issekonda.

**66.04 Komunikazzjoni mis-Sindku**

66.04.01 Is-Sindku irreferiet għall-proġett tal-*Embellishment* fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija li kien sar fl-2020, u dwar id-deċiżjoni tal-*ARPA* rigward fondi mnaqqsa u oħrajn li l-Kunsill qed jintalab sabiex jirrifondi lura minħabba xi nuqqasijiet. Hija infurmat li wara li tkellmet mal-Avukat Hili, minkejja li jinsab xi ftit xettiku dwar il-possibiltà li l-kunsill imur arbitraġġ minħabba n-nuqqasijiet indikati, huwa xorta tal-parir li hekk għandu jsir. Intant l-Avukat Hili rreferina mal-kollega tiegħu Dr Rachel Powell biex tiggwidana aħjar fuq il-każ fejn ukoll saret telefonata diretta magħha waqt din il-laqgħa tal-kunsill. L-Avukat Powell spjegat li n-nuqqasijiet huma relatati ma' *Procurement* filwaqt li hi tal-parir li l-Kunsill għandu jmur arbitraġġ biex forsi nirkupraw imqar parti mill-fondi li qed jitolbuna nirrifondu. Is-SE ingħatat struzzjonijiet sabiex titlob lill-Perit tal-Kunsill biex jipprovdilna l-

*BOQ* li kienet parti mill-kuntratt tal-imsemmi proġett kif ukoll *breakdown* ta' liema xogħol tħallas mill-Kunsill sabiex naraw fejn marru d-differenzi.

***Il-Viċi Sindku ingħaqad mal-Kunsill fis-6:35 pm.***

66.04.02 Is-Sindku qalet li kull darba li l-Kunsill qed jaħsel l-isqaqien permezz ta' bowsers tal-ilma qed ikun hemm tgergir mir-residenti dwar xi ħmieġ li qed jibqa' fit-triq wara. Wara diskussjoni dwar dan, kien hemm qbil li naraw x'inhi l-possibiltà li minflok tintuża l-manka tintuża powerwash sabiex l-isqaqien jitnaddfu aħjar filwaqt li jkun hemm inqas tixrid ta' ilma. Is-SE ħadet nota u ser tiċċekkja.

66.04.03 Is-Sindku infurmat li ġiet ikkuntattjata mill-Walking and Cycling li permezz tar-Reġjun Punent, u bħalma diġà sar f'Reġjuni oħra, ser ikunu qed jinstallaw sinjali direzzjonali li jeħduk lejn postijiet ta' interess fil-lokal. Il-membri preżenti ħadu nota ta' dan.

66.04.04 Is-Sindku infurmat li wara diskussjonijiet li kien hemm dwar il-fondi li kien għad fadal mil-Kumitat Konġunt fi żmien li l-Gwardjani Lokali kienu fir-responsabiltà tal-Kunsilli Lokali, ġie deċiż li dawn għandhom jinqasmu indaqs fuq kull Kunsill konċernat. Għaldaqstant il-Kunsill Lokali tal-Imqabba ser ikun qed jirċievi s-somma ta' EUR6,000. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

66.04.05 Is-Sindku semmiet talba għal *Communal Reserved Parking Bay* li hemm bżonn issir fi Triq il-Familja Brancati. Il-membri qablu li din għandha tintalab lil Transport Malta.

66.04.06 Is-Sindku infurmat li rigward l-*uplighters* li hemm fi Triq Valletta, it-triq tas-siġar, reġgħet kellmet lil Ambjent Malta għaliex minkejja li wettqu l-manutenzjoni meħtieġa, parti mit-triq reġgħet tinsab mitfijja. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

66.04.07 Is-Sindku ġibdet l-attenzjoni li minħabba l-maltemp nistennew iktar rapporti dwar ħsarat fid-dawl tat-triq u fakkret li l-Enemalta għandha żmien 28 ġurnata sabiex issewwi l-ħsarat. Dan sabiex ir-residenti li ninfurmawhom b'dan meta jirrapportaw xi ħsarat. Il-membri ħadu nota ta' dan.

66.04.08 Is-Sindku semmiet talba biex issir il-manutenzjoni fuq parti mill-bankina fi Triq il-Barumbara, quddiem residenza partikolari. Wara diskussjoni f'dan ir-rigward kien hemm qbil li għandna nġibu l-istimi għax-xogħol meħtieġ.

66.04.09 Rigward il-bankina ta' Triq Karmenu Ciantar is-Sindku fakkret fil-laqgħat li saru iktar kmieni din is-sena, fosthom waħda minnhom li nżammet fuq il-post matul is-Sajf, fejn preżenti għaliha kien hemm il-Perit ta' IM, membri tal-Kunsill, membri tas-Soċjetajiet tal-Banda u l-kuntrattur tal-Kunsill Nexos. Minkejja d-diskussjonijiet u l-qbil kif u meta kellu jibda x-xogħol fuq l-imsemmija bankini, ix-xogħol inbeda bla ebda pre-avviż min-naħa ta' IM. Intant, appena nbeda x-xogħol, bdew jinqalgħu xi problemi li jirrigwardjaw kemm l-aċċess tar-residenti fi djarhom inkluż fil-*garages* tagħhom, kif ukoll problemi relatati mal-installazzjoni tad-dawl

dekorattiv tat-triq, u mal-armar tat-triq fil-festi tar-raħal. Għaldaqstant kellhom isiru iktar laqgħat fuq il-post fil-preżenza tal-Periti u l-Kuntrattur ta' IM kif ukoll tal-membri tal-Kunsill u tal-membri tas-Soċjetajiet tal-Banda. Is-Sindku inzertat kienet imsiefra meta nbeda x-xogħol. Hija kompliet billi infurmat li l-Perit ta' IM insistiet li l-livelli m'għandhomx jinbidlu minn kif inhuma fil-preżent sabiex ma jinħolqux problemi, filwaqt li fakkret li ladarba x-xogħol huwa ta' IM, dan finalment ser jiġi ċċeritifikat mill-Periti tal-istess IM. Intant il-Kunsill ser ikun qed iwassal l-ilmenti u s-suġġerimenti tar-residenti f'dan ir-rigward lill-IM. Hija infurmat ukoll li l-bażijiet tad-dawl dekorattiv diġà tlestew filwaqt li k-kumplament tax-xogħol se jieqaf temporanjament minħabba l-festi tal-Milied u ser jitkompla f'Jannar 2024. Is-Sindku infurmat li għandha ssir laqgħa fuq il-post nhar il-Ġimgħa 15 ta' Diċembru 2023 fid-9 ta' filgħodu fi Triq Karmenu Ciantar. Il-membri tal-Kunsill ħadu nota ta' dan kollu.

**66.05 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

66.05.01 Il-Kunsillier Dingli staqsa x'sar dwar id-*dog bins* inkluż it-tabelli biex inaddfu wara l-klieb, kif ukoll dwar ir-*road hump* fit-triq li tinsab bejn Triq iż-Żurrieq u l-Qrendi. Is-SE infurmat li dwar il-*bins* u t-tabelli qegħdin fil-proċess fejn ġew mitluba l-istimi. Rigward ir-*road hump*, il-Kunsillier Dingli qal li sid għalqa fl-istess triq, is-Sur Kevin Gaffarena, infurmah li huwa ma jsib l-ebda oġġezzjoni jekk il-*hump* tġi installata quddiem l-għalqa tiegħu. Madanakollu, is-Sindku xorta waħda hi tal-fehma li għandha ssir *site visit* qabel ma nipproċedu fuq dan il-każ u dwar dan kien hemm qbil mill-membri tal-Kunsill.

66.05.02 Il-Kunsillier Dingli staqsa x'sar dwar il-*communal reserved bay* ta' Triq is-Saljatura fejn is-SE qaltlu li għad m'għandhix rispons u li se ssegwiha.

66.05.03 Il-Kunsillier Dingli staqsa kif bqajna dwar it-tqegħid tat-torba fi Sqaq Buhar. Is-SE infurmatu li għad m'għandhix stimi biex tkun tista' toħroġ il-*works order*, filwaqt li s-Sindku fakkret li fuq l-aħħar stima li kien kellna, ix-xogħol ma kienx sar u nistgħu immexxu fuqha. Il-membri ħadu nota ta' dan.

66.05.04 Il-Kunsillier Sciberras talab feedback dwar il-petizzjoni tal-Kunsill rigward l-applikazzjoni ta' Xagħri l-Imqalleb. Is-Sindku infurmat li l-Avukat Hili tana l-parir li għalissa għandna nħallu l-petizzjoni għaddejja. Semmiet ukoll li s-seduta tal-PA li kienet skedata għall-4 ta' Diċembru 2023 ġiet ikkanċellata u għaldaqstant għalissa nibqgħu nistennew min-naħa tal-PA. Il-membri preżenti ħadu nota ta' dan.

66.05.05 Il-Kunsillier Sciberras staqsa x'sar dwar il-lampa tat-triq li ġiet installata fi Triq l-Aħwa Ghigo. Is-SE infurmat li kienet qed tistenna l-firma tal-kuntrattur sabiex tipproċessa l-applikazzjoni sabiex il-lampa tiġi mqabbda mill-Korporazzjoni Enemalta. Il-membri ħadu nota ta' dan.

66.05.06 Il-Kunsillier Sciberras staqsa x'sar dwar il-każ ta' drenaġġ li qed jiskula f'residenza privata fi Pjazza Ġubew tad-Djamanti. Is-Sindku infurmatu li ntbgħatet email dwar

il-każ, filwaqt li s-SE kompliet li s'issa ma ingħatajana l-ebda rispons fuq il-każ u li se terġa' tagħmel tfakkira fuqu. Il-membri ħadu nota ta' dan.

66.05.07 Il-Kunsillier Decelis staqsa x'sar mir-*roundabout* l-impenġija fi Pjazza Ġublew tad-Djamanti li kellha tinbidel f'*mini roundabout*. Is-Sindku qaltlu sabiex jagħmel pressjoni mal-Ministru għaliex it-talba min-naħa tagħha ilha xhur li saret u s'issa għadu ma sar xejn mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi. Il-membri preżenti ħadu nota ta' dan.

**66.06 Milied 2023**

66.06.01 Is-Sindku infurmat li għall-*Party* tal-Milied tat-Tfal li se jsir nhar it-23 ta' Diċembru 2023 għandna r-rigali diġà magħżulin u s'issa inkitbu diġà madwar 100 tifel u tifla. Filwaqt li rigward il-Bibità għall-Għaqdiet u l-Quddiesa ta' nhar is-7 ta' Jannar 2024 huma konfermati wkoll. L-Afternoon Tea wara l-Bibità qed nistennew konferma mis-Surmast tal-Iskola Primarja li wkoll jista' jsir fis-Sala tal-Iskola. Is-SE kompliet billi infurmat li għall-avvenimenti msemmija għandna l-istimi rigward il-*catering*, filwaqt li qed nistennew ukoll konferma mingħand il-Kappillan dwar il-Quddiesa li se ssir fit-8.30am. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

66.06.02 Is-Sindku fakkret li fil-21 ta' Diċembru 2023 bejn il-5.30pm u s-7.30pm għandna l-islitta li ser tkun qed iddur fit-toroq tar-raħal. Il-membri ħadu nota dwarha.

66.06.03 Rigward il-Kartolina tal-Milied, is-Sindku infurmat li rċevejna żewġ diżinji minn tfal Imqabbin. Fuq din kien hemm qbil li diżinn minnhom jiġi fuq quddiem u l-ieħor fuq wara tal-kartolina li ser titqassam fir-residenzi Mqabbin.

66.06.04 Is-Sindku semmiet l-avveniment 'Rigal bi Mħabba' sabiex nippromwovuh kemm nistgħu sabiex ir-residenti tar-raħal ikunu jistgħu jagħtu rigal lit-tfal inqas ixxurtjati. Hija kompliet li din is-sena minn Ambjent Malta tqassmu siġra ħajja tal-Milied f'kull Kunsill Lokali sabiex din titpoġġa f'post prominenti biex taħtha jkunu jistgħu jitpoġġew l-imsemmija rigali. Min-naħa tagħna infurmajnihom li għall-istess skop, il-Kunsill diġà nvesta f'siġra oħra tal-Milied li din tintrema fl-uffiċċju tal-Kunsill għar-raġuni li r-rigali li jitpoġġew taħtha jkunu iktar siguri, milli kieku dawn jitpoġġew barra fit-triq. Ambjent Malta xorta waħda tawna l-imsemmija siġra u wara diskussjoni dwarha, kien hemm qbil li din għandha titħawwel fis-*soft area* li hemm fi Triq M'Ang Sapiano.

**66.07 Aġġornament dwar Proġetti**

66.07.01 Is-Sindku infurmat li rigward il-Ġnien tal-Mentna, għadhom kemm twaħħlu l-bankijiet, filwaqt li l-ġimgħa li ġejja ser jingħata l-konkos li se jkun il-*platform* fejn ser jeħel il-playing equipment, propju 3 ġimgħat wara sabiex jilħaq jinxef l-istess konkos. Kompliet ukoll li għandu jsir ukoll il-cladding minflok fejn fil-passat kien hemm il-bankijiet. Is-SE infurmat ukoll li ninsabu wkoll fil-proċess tal-installazzjoni tas-*CCTV* fejn involvejna wkoll lill-ħaddiema tal-Kunsill fix-xogħol, speċjalment lil Lawrence sabiex sar ix-xogħol fuq id-dawl tal-ġnien. Is-Sindku

kompliet li l-ġnien irid jitlesta sa wara l-festi tal-Milied biex jiġi inawgurat anke peress li l-Kunsill ingħata l-fondi sabiex seta' jsir it-tisbiħ ta' dan il-ġnien. Il-membri preżenti ħadu nota ta' dan.

66.07.02 Is-Sindku infurmat li l-bieba tal-pompa tal-funtana ta' Ġnien M'Ang Sapiano, ġiet installata. Fadal biss li jitpoġġa r-ramel meħtieġ u b'hekk il-proġett ikun finalizzat. Il-membri ħadu nota ta' dan.

66.07.03 Rigward il-proġett ta' Ġnien Onġi Onġella, is-Sindku qalet li għadha qed tistenna rispons mingħand il-Perit rigward xi *submissions* li kellhom jintbagħtu sat-28 ta' Novembru 2023, sabiex naraw ukoll meta ser ikun hemm id-deċiżjoni tal-PA. Il-membri ħadu nota ta' dan.

66.07.04 Is-Sindku infurmat ukoll li t-*tender* tar-restawr tal-Isptar il-Qadim, ser ikun qed jittella' *online* matul din il-ġimgħa, wara li ħadd mill-Kunsillieri ma kkummenta rigward id-dokumentazzjoni tal-istess tender li ntbagħtet għall-attenzjoni u approvazzjoni tagħhom. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

**66.08 Baġit għas-Sena 2024 (*draft*)**

66.08.01 Is-Sindku infurmat li kif diġà ġie diskuss propju fil-laqgħa pubblika li għadha kemm saret qabel din il-laqgħa, ser tintalab reviżjoni tiegħu mill-Accountant tal-Kunsill sabiex imbagħad jitressaq għall-approvazzjoni waqt il-laqgħa li jmiss tal-Kunsill. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

**66.09 Rapport Finanzjarju – it-Tielet Kwart Jannar / Settembru 2023**

66.09.01 Is-Sindku spjegat li peress li peress li r-rapport tqassmilhom propju llum, ma kienx hemm ċans biex jarawh u għaldaqstant hija tissuġġerixxi li dan jiġi approvat kif inhu u f'każ ta' xi aġġustamenti, dawn jistgħu isiru fl-aħħar kwart. Hi esiġiet li l-aħħar kwart jinħtieġ li jkun f'idejn il-membri tal-Kunsill biżżejjed qabel il-laqgħa sabiex ikun jista' jiġi approvat. Fuq dan kien hemm qbil mill-membri preżenti.

**66.10 Korrispondenza u ordnijiet ta' xogħlijiet**

66.10.01 Korrispondenza mir-Reġjun Punent – 'Għati Ktieb bħala Rigal dal-Milied'. Is-Sindku spjegat li r-Reġjun offra lil kull Kunsill is-somma ta' Eur100 sabiex jintefqu f'kotba biex nirregalawhom fi żmien il-Milied. Hija ssuġġeriet li dawn għandna nagħtuhom lill-Iskola Primarja tal-Imqabba u fuq din kien hemm qbil mill-Kunsillieri.

66.10.02 Korrispondenza mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali – 'SPI/SCI/3/2023 - Clean Up the World Campaign 2023' fejn ġejna notifikati li konna ser nirċievu parti mill-fondi relatati mal-Clean Up Campaign. Il-membri ħadu nota ta' dan.

66.10.03 Korrisondenza mingħand residenta minn Triq il-Barrieri – 'Talba għal linji sofor u kaxxi bojod għall-parkeġġ fi Triq il-Barrieri'. Fuq din kien hemm qbil sabiex isiru biss id-*double yellow lines* mal-*garage* tar-residenta.

66.10.04 Korrispondenza mingħand il-*Historian* Ms Rakele Fiott – *'Heritage Trail'* fejn għaddietilna l-materjal li kienet qed taħdem fuqu, u li hu relatat mal-*QR Codes* li ser ikun hemm fuq l-*istone pillars* biswit il-postijiet storiċi fl-Imqabba bħala parti mill-proġett tal-*Heritage Trail*. Il-membri preżenti ħadu nota ta' dan.

66.10.05 Stima mingħand supplier – 'Bike Racks'. Wara diskussjoni rigward il-postijiet fejn jistgħu jiġu nstallati dawn il-bike racks, kien hemm qbil li għandna nerġgħu nitolbu stima oħra u nispeċifikaw li għandhom ikunu simili għal dawk biswit il-Parlament ta' Malta.

**66.11 Ilmenti u Suġġerimenti;**

66.11.01 Il-Viċi Sindku issuġġerixxa li għandu jsir *traffic management* adekwat mill-aktar fis fis-*Service Road* ta' Triq il-Konvoj ta' Santa Marija għaliex hemm periklu kemm għas-sewwieqa kif ukoll għall-*pedestrians* u qed isiru wisq inċidenti. Wara diskussjoni dwar dan kien hemm qbil li għandna nerġgħu niktbu lil Transport Malta sabiex tinstab soluzzjoni għal dan il-periklu.

66.11.02 Il-Kunsillier Sciberras issuġġerixxa li jiġu nstallati żewġ *dog bins*, wieħed faċċata tar-Remissa Bar biswit il-*litter bin* eżistenti u ieħor ħdejn il-Kappella ta' Santa Katerina. Issuġġerixxa wkoll li ssir *motorbike bay* fil-Pjazza. Fuq dawn kien hemm qbil mill-Kunsillieri preżenti.

66.11.03 Il-Kunsillier Sciberras semma' li t-tabella biex ma jintefax skart fit-triq li saret bil-lamination u weħlet fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, tqaċċtet. Għaldaqstant issuġġerixxa li ssir oħra simili u teħel b'mod temporanju sakemm nordnaw oħra tal-pjanċa u teħel mal-faċċata. Fuq din kien hemm qbil mill-membri preżenti.

66.11.04 Il-Kunsillier Sciberras ilmenta dwar l-iskart ta' kostruzzjoni li qed jitħalla mill-kuntrattur ta' IM li qed jaħdem fi Triq in-Nazzarenu. Is-Sindku infurmat li ser tkellem lill-Perit ta' IM dwar dan. Il-membri preżenti ħadu nota ta' dan.

66.11.05 Il-Kunsillier Sciberras ilmenta dwar ġebel li qed jintefa' fi Sqaq Nru 3 fi Triq il-Parroċċa. Wara diskussjoni intqal li huwa każ ta' infurzar. Il-membri ħadu nota ta' dan.

66.11.06 Il-Kunsillier Decelis semma li f'Ħal Millieri fejn ingħata t-*tarmac*, qed joqgħod ħafna ilma u n-nies qed ikollhom jimxu fuq iċ-ċnut. Fuq din kien hemm qbil li jiġu ċċekkjati l-konfini sabiex naraw jekk din il-parti tat-triq taqax fir-responsabiltà tagħna.

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512
TEL: 2168 0622
E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt
L-Imqabba Local Council


66.11.07 Il-Kunsillier Decelis staqsa meta ser terġa' tibda taħdem il-funtana tal-Ġnien M'Ang Sapiano. Is-Sindku u s-SE qalulu li din il-funtana diġà ġiet diskussa iktar kmieni f'din il-laqgħa.

66.11.08 Il-Kunsillier Decelis semma' li t-tappieri tad-drenaġġ fi Pjazza Ġublew tad-Djamanti u fi Triq il-Murselli kantuniera ma' Triq Ħal Kirkop, jinħtieġ li ssir il-manutenzjoni fuqhom. Is-SE ħadet nota tagħhom sabiex tirreferi l-każ lill-*Waste Water Section*.

66.11.09 Il-Kunsillier Decelis semma' li hemm bżonn issir il-manutenzjoni meħtieġa mill-aktar fis possibbli fuq parti minn Triq il-Familja Brancati li niżlet sew tant li nqasam anke t-*tarmac* u hemm il-periklu. Is-Sindku infurmat li l-Ministeru infurmajnih biha u s'issa infurmawna li hemm xi ħsara fid-drenaġġ, iżda sal-lum għadu ma sar xejn fuqha. Il-membri preżenti ħadu nota ta' dan.

66.11.10 Il-Kunsillier Decelis issuġġerixxa li ssir Communal Reserved Bay fil-Pjazza tal-Knisja. Il-kumplament tal-membri infurmawh li diġà hemm wieħed u għaldaqstant kien hemm qbil li din it-talba ma ssirx.

**66.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti numru 08/66**

L-iskeda tal-pagamenti nru 08/66 ġiet approvata unanimament; bi qbil ukoll li item 48, il-kuntrattur C. Bonello jitħallas nofs il-kont ippreżentat minħabba nuqqasijiet fis-servizz tiegħu.

**66.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

66.13.01 Il-laqgħa ntemmet fid-9:00 pm u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 17 ta' Jannar 2024 fil-5.30 pm.

Konfermati illum l-Erbgħa 17 ta' Jannar 2024.

**Grace Marie Zerafa**
**Sindku**

**Valerie Galea**
**Segretarju Eżekuttiv**